SAN GILJAN
# Kunsill Lokali San Ġiljan
Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 42/K4/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/01/'05 187**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/01/'05 240**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Connie Said.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Marcel Scicluna.

1.05 Assenti: Il-Kunsillier Norman Vella.

1.06 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Jannar 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju
4. Attivitajiet tal-Karnival
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 39/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier John Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 39/K4/04.

1.3.03 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 40/K4/05 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 40/K4/05.

1.3.07 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 41/K4/05 għall-approvazzjoni.

1.3.10 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 41/K4/05.

1.3.11 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

1.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti biex tiġi diskussa item 3 qabel item 2.

**1.5** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31.12.04 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u għarraf lill-Kunsill li l-qagħda finanzjarja turi li l-Kunsill għandu surplus.

3.03 Wara diskussjoni ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jiġi rranġat il-playing field ta' Triq B'Kara u li jiġu allokati madwar Lm 30,000.00 mis-surplus għal dan il-proġett.

3.04 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Dwar l-artiklu li deher fil-**Malta Independent on Sunday** mill-Editur Noel Grima ġie deċiż unanimament illi jidher artiklu ieħor fejn il-Kunsill Lokali San Ġiljan jikkjarifika l-interpretazzjoni ta' l-editur. Għalhekk ġie deċiż illi l-accountant, is-Sur Louis Padovani, jiddraftja din l-ittra u meta tintbagħat lill-Editur jintalab li din tingħata l-istess importanza skond il-liġi ta' l-istampa.

3.07 L-Accountant Louis Padovani ġie skużat fl-4.30 p.m.

3.08 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sal-31.12.04.

3.09 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4643 | Ittra mingħand l-ADT għall-kummenti tal-Kunsill għall-ittra mehmuża dwar is-sistema tat-traffiku fi Triq Elia Zammit – Paceville. |
| 4671 | Ittra mingand il-Malta Maritime Authority rigward żona ta' l-għawwiema. |
| 4715 | Ittra mingħand Alfons Hotel rigward talba ta' gwida biex jitqegħdu mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina. |
| 4726 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport rigward ir-Residents' Parking Scheme f'San Ġiljan u Paceville Hamlet. |
| 4728 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward attendenza ta' Kunsillieri għal attivitajiet uffiċjali bħala Kunsillier waqt il-ħinijiet tax-xogħol. |
| 4758 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward permess ta' żvilupp fi Triq il-Kbira. |
| 4770, K1109&159 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward tiżjin tal-Milied fit-toroq. |
| 4772 | Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi rigward kuntratt għall-manutenzjoni ta' funtani pubbliċi li jaqgħu taħt il-Kunsilli Lokali. |

4799 E-mail mingħand is-Sur Vincent Tabone rigward il-kunċert fil-knisja tal-Karmnu mill-orkestra ta' l-Universita' ta' Valparaisio.

4806 Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport għall-kummenti tal-Kunsill fuq ittra ta' l-European School of English Ltd.

4829 Ittra mingħand is-Sur Paul Camilleri rigward ħsarat lill-faċċata ta' dar fi Triq il-Karmnu waqt xogħolijiet tal-Kunsill.

4836 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward servizz ta' Handy Man.

4868 Kopja tal-permessi li għandu Andrew's Bar u Andrew's Indri.

175/05 Kopja tal-permessi li għandu Angler's Restaurant, Bar & Cafeteria.

4869 Ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilletanti Ġiljaniżi rigward ix-Xatt tas-Sajjieda.

001/05 Ittra mingħand is-Sur Kevin Azzopardi dwar nominazzjoni ta' sportivi Maltin u Għawdxin.

006/05 Ittra mingħand l-MITTS Ltd. rigward ħlas għas-servizzi li ngħataw u għal-liċenzji tas-software's installati.

021& 173/05 Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward provista ta' servizzi fuq software iprovdut mill-MITTS Ltd.

011/05 Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward servizzi ta' e-government.

0126/05 Ittra mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Propjeta rigward il-proġett ta' Ta' Ġiorni (P.A. 6390/00).

0245/05 Ittra mingħand Melvyn Mifsud LL.D. rigward xogħol li sar fi Sqaq Fabri.

0271/05 Ittra mingħand il-Kunsillier Marcel Scicluna rigward Minuti 39/K4/04.

0287/05 Ittra mingħand in-Northern Cleaning Co-operative Ltd rigward is-servizz ta' ġbir ta' skart nhar ta' Ħadd.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru 4643

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport għall-kummenti tal-Kunsill għall-ittra mehmuża dwar is-sistema tat-traffiku, fi Triq Elija Zammit – Paceville ġie deċiż unanimament li d-Direttur ta' l-

Awtorita' tiġi nformata li l-Kunsill diġa ta l-kummenti tiegħu f'laqgħa li saret magħha u mas-Sindku 'on site'. Għaldaqstant il-Kunsill jirrakkomanda l-kummenti mniżżla fl-ittra.

2.03 Rif. Nru 4671

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Malta Maritime Authority rigward żona ta' l-għawwiema, l-Kunsill qabel unanimament mal-prinċipju ta' l-ittra. Għalhekk ġie deċiż li tintalab laqgħa bejn il-Malta Maritime Authority u s-Sindku sabiex jiġi spjegat aktar fid-dettal il-propost ftehim. Madankollu ġie deċiż li:-

- ✓ jekk ikun hemm il bżonn il-bagi jiġu storjati fil-garage tal-Kunsill u li dan jiġi rranġat skond il-bżonnijiet.
- ✓ Jiġi rrakkomandat li l-bajja tal-Qaliet terġa ssir 'swimming zone'.

2.04 Rif. Nru 4715

B'riferenza għall-ittra mingħand Alfonso Hotel dwar tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat biex jirreferi t-talba tiegħu lill-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu.

2.05 Rif. Nru 4726

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport rigward ir-Residents' Parking Scheme f'San Ġiljan u Paceville Hamlet ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-Sur Philip Fenech, Segretarju Onorarju tal-GRTU fejn jiġi nfurmat li ser jiġi ntrodott ir-Residents' Parking Scheme kif approvat mill-ADT.

2.06 Rif. Nru 4758

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward permess ta' żvilupp fi Triq il-Kbira ( PC 0050 /04), ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier John Agius jipprovdi xi ritratti u l-istorja sabiex jintbagħtu lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar .

2.07 Rif. Nri 4770, 159 & K1109

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward tiżjin tal-Milied fit-toroq il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li dawn jiġu ffirmati mis-Sindku Peter Bonello; madankollu s-Sindku ser ikellem lis-Sur Mario J. Attard minħabba li l-ftehim ma kienx sar skond il-korrispondenza 159 /05.

2.08 Rif. Nru 4772

B’riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi rigward kuntratt għall-manutenzjoni ta’ funtani pubbliċili li jaqgħu taħt il-Kunsilli Lokali l-Kunsill qabel unanimament mal-prinċipju ta’ l-ittra. Għalhekk ġie deċiż li tintalab laqgħa bejn id-Direttur ta’ l-MSD u s-Sindku sabiex jiġi spjegat aktar fid-dettal il-propost ftehim qabel dan jiġi ffirmat.

2.09 Rif. Nru 4799

B’riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur Vincent Tabone rigward il-kunċert li ser isir b’kollaborazzjoni mal-Kunsill, fil-knisja tal-Karmnu mill-orkestra ta’ l-Universita’ ta’ Valparaisio, ġie deċiż li tintbagħat kopja ta’ din l-e-mail lill-Kappillan tal-Balluta.

2.10 Rif. Nru 4806

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita’ ta’ Malta dwar it-Trasport għall-kummenti tal-Kunsill fuq ittra ta’ l-European School of English Ltd. Il-Kunsill oġġezzjona għat-talbiet li saru minħabba l-fatt li meta sar l-embellishment ta’ Paceville l-Kunsill kien ġie nfurmat li bil-bays ta’ Un/Loading li kienu ser isiru kienu biżżejjed biex jikkejterjaw għal kulħadd.

2.11 Ġie deċiż li l-un/loading bays, minbarra dawk tal-coaches, jsiru mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

2.12 Rif. 4829

B’riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Paul Camilleri rigward ħsarat lill-faċċata ta’ dar fi Triq il-Karmnu waqt xogħlijiet tal-Kunsill, is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill li x-xogħol diġa sar min-naħa ta' Hal Mann u r-resident sodisfatt.

2.13 Rif. 4869

B’riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilletanti Ġiljaniżi rigward ix-Xatt tas-Sajjieda, ġie deċiż li l-Kunsillier Robert Camenzuli, bħala PRO, jirrispondi din l-ittra u li tingħata kopja lill-Kunsill u tintbagħat kopja lill dawk kollha msemmija fl-ittra tagħhom.

2.14 Rif. 1

B’riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Kevin Azzopardi dwar nominazzjoni ta’ sportivi Maltin u Għawdxin, ġie deċiż li jiġu nominati s-Sinjorina Anġela Galea – atleta, is-Sur Karm Borg – uffiċjal u s-Sur Victor Cachia - amministratur. Il-Kunsillier Robert Camenzuli għandu jagħti kopja tal-biografiji tagħhom, jekk ikunu nteressati, lis-Segretarju Eżekuttiv.

2.15 Rif. 6, 21 u 173

B'riferenza għall-ittra mingħand il-MITTS u ċ-ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ħlas lill-Mitts għas-servizzi u għal-liċenzji tas-softwares installati, ġie deċiż li ma jsirx ħlas sakemm jingħataw aktar struzzjonijiet min-naħa tal- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

2.16 Rif. 126

Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Propjeta rigward il-proġett ta' Ta' Ġiorni (P.A. 6390/00). Ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittra tintbagħat lill-Malta Planning and Design Consultants biex tittieħed kull azzjoni neċessarja sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tas-siti.

2.17 Rif.245

B'riferenza għall-ittra mingħand Melvyn Mifsud LL.D. rigward xogħol li sar fi Sqaq Fabri, iċ-Chairman Peter Bonello għarraf lill-Kunsill li f'dak l-isqaq il-kuntrattur tal-Kunsill Charnor Import and Export Ltd kien ħadem.

2.18 Rif. 271

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsillier Marcel Scicluna rigward Minuti 39/K4/04 taqsima 10 paragrafi 10.04 u 10.05 . Hawnhekk il-Kunsill iċċara l-punt li d-deċiżjoni li ttieħded mill-Kunsill kienet fuq iż-żewġ okkażjonijiet u li l-Kunsill mhuwiex marbut bl-ebda preċident.

2.19 Rif. 287

B'riferenza għall-ittra mingħand in-Northern Cleaning Co-operative Ltd rigward is-servizz ta' ġbir ta' skart nhar ta' Ħadd ġie deċiż unanimament li kopja ta' l-ittra tintbagħat lill-Avukat Stefano Filletti.

**4. Attivitajiet tal-Karnival**

4.01 Chairman Peter Bonello għarraf lill-Kunsill li ħa l-inizjattiva biex tinġabar l-informazzjoni sabiex isir il-karnival għall-ewwel darba, f'San Ġiljan. Huwa żied li l-ispejjeż huma għat-trasport, P.A. system, compere, u bibita għal-parteċipanti. Hawnhekk saret riferenza għall-korrispondenza dwar dan is-suġġett (Ara Appendiċi 'B'). Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni ukoll li ser tingħata għajnuna min-naħa ta' l-Awtorita' dwar it-Turiżmu billi jittella palk u dan għall-ispejjeż tagħhom.

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:

- ✓ Din l-attivita' ssir
- ✓ jiġu allokati madwar Lm200 għall-ispejjeż konnessi

- ✓ tingħata ‘memento’ lill-parteċipanti.

4.03 Minbarra dan il-Kunsill qabel unanimamnet li għall-attivita’ tal-Karnival li ser tittella’ fl-iskola Primarja Dun Ġużepp Xerri l-Kunsill jipprova jsib sponsor, filwaqt li l-Kunsill iqassam xi ħelu.

**5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘Ċ’).

5.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1763 sa 1781 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ’D’).

6.02 Saret riferenza għal purchase request sheet 1781 u ġie deċiż unanimament li qabel tittieħed deċiżjoni jiġi vverifikat mal-Kunsill Lokali Gżira fejn saru l-litter bins li għandhom huma ħdejn il-bus stops.

6.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1763 sa 1780.

6.04 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Materji Oħra**

7.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ nhar il-Ġimgħa, 14 ta’ Jannar 2005, l-għarus ta’ l-iskrivana Lindsay Debattista weġġa’ fuq ix-xogħol u minħabba li ma kientx fi stat li tmur id-dar waħedha ġie provdut trasport għall-ispejjeż tal-Kunsill.

- ✓ sa l-ewwel ġimgħa ta’ Frar il-Kunsilliera mitluba jagħtu l-informazzjoni sabiex jinħareġ l-magażin li jmiss.

7.04 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-kontijiet tal-Maltacom jibdew jitħallsu sad-data mniżżla fuq il-kont biex il-Kunsill ma jeħilx multi. Dan minħabba regolamenti ġodda li ġew fis-seħħ min-naħa tal-Maltacom.
- ✓ tiġi rranġata l-entratura ta' Triq Wied Għomor.
- ✓ jitwaħħlu 3 jew 4 bankijiet f' Triq Wilġa Paceville.
- ✓ l-maid tal-Kunsill tingħata 20ċ żieda kull darba li tiġi biex jagħmel tajjeb għaż-żieda li kien hemm fit-trasport pubbliku.
- ✓ l-kontijiet li jirċievi l-Kunsill u dawk li jkunu ċertifikati mill-contracts manager jitħallsu biex ma jitħallux kontijiet pendenti.
- ✓ jsiru 200 sticker bil-logo tal-Kunsill skond skeda B tal-Bye-Laws ta' l-2004 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ sabiex jitqassmu lill-istabbilimenti f'Paceville.

7.05 Il-Kunsilliera Irene Borg nfurmat lill-Kunsill li ser torganizza week-end break bħala self-funding activity għall-anzjani bejn il-11 u t-12 ta' Frar 2005, fit-Topaz Hotel, Buġibba.

7.06 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | SegretarjuEżekuttiv |